# Messaġġ mill-President
# Ħidma ma taqta' xejn



Josef Borg
*President*

Fl-okkażjoni tal-Festa Ad Unur Marija Bambina, l-Għaqda Mużikali Imperial qiegħda tippubblika ħarġa oħra ta' Leħen l-Imperial. F'din il-pubblikazzjoni ssibu tagħrif dwar il-ħidma tal-għaqda tagħna u tagħrif interessanti ieħor. Ta' din il-ħidma nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Bord Editorjali li, flimkien ma' persuni oħra, iwasslulna ktejjeb mimli informazzjoni siewja, interessanti u ħafna nies jakkwistaw kopja tiegħu biex jinżamm fil-kollezzjoni tagħhom.

Din is-sena, il-Banda Imperial qed tiċċelebra l-Ħamsa u Tmenin sena mit-twaqqif tagħha. Firxa kbira ta' snin li mhux dejjem kienu faċli u d-diffikultajiet ma naqsux, iżda dejjem kien hemm rieda u determinazzjoni sħiħa ta' diversi persuni biex, minkejja dawn id-diffikultajiet, is-soċjetà baqgħet miexja 'l quddiem.

L-aktar ħidma importanti li nsibu fis-soċjetà tagħna hija l-impenn lejn il-qasam mużikali. Wara li saħħaħna l-istrutturi tat-tagħlim tal-mużika, fejn bi pjaċir ngħid li qed noffru tagħlim bla ħlas fil-prattika tal-istrument u anke fit-teorija, din is-sena ser inkomplu ninvestu aktar flus b'risq il-banda tagħna. Wara li saret applikazzjoni għal Fondi Ewropej mill-Fond Rurali maħruġa mill-Majjistral Action Group Foundation, is-soċjetà rnexxiela tingħata fondi għal dan il-għan. Ser jinxtraw sett ta' tlett timpani u strumenti tal-perkussjoni oħra, kif ukoll sett ta' qniepen (*tubular bells*) ġodda għall-użu tal-banda. Barra minn hekk, is-sala tal-mużika ser tiġi attrezzata bl-arja kumdizzjonata u ser isir xogħol ieħor biex tittejjeb l-akustika, ħalli l-kunċerti jsiru fl-aqwa ambjent possibbli. Wara li jkun lest dan ix-xogħol fuq is-sala tal-mużika, din ser tkun waħda mill-ftit swali li huma attrezzati fuq livell għoli li ser ikun hawn ġewwa Malta, aktar u aktar ġewwa każin tal-banda. Għal aktar aċċessibilità, fil-każin ser jiġi sstallat lift modern, filwaqt li ser isiru *toilets* ġodda fis-sular ta' isfel, li wkoll ser ikunu attrezzati għall-persuni b'diżabilità. Dan l-investiment importanti ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna li rċevejna u għalhekk minn qalbi nixtieq nirringrazzja lill-Gvern Ċentrali permezz tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej, Dr Ian Borg. Ħajr lis-Sur Clayton Bartolo għall-għajnuna siewja tiegħu biex setgħet issir l-applikazzjoni għal dawn il-fondi u persuni oħra li taw l-għajnuna tagħhom.

Il-Banda u l-Kor Imperial ma waqfux mill-ħidma tagħhom matul din is-sena, iżda żgur li wieħed jista' jagħmel aċċenn għal żewġ impenji li kienu ta' sodisfazzjon kbir. Qed nirreferi għall-programm li sar ġewwa l-Palazz tal-President fl-okkażjoni tal-Erbgħin sena minn meta Malta saret Repubblika u l-programm li sar flimkien mad-Doncaster International Concert Band, waqt il-Mellieħa International Band Festival. Dawn il-programmi huma xhieda tal-ħidma li qed issir mill-Banda u l-Kor tas-Soċjetà, u dan qed iwassal biex l-isem tal-Għaqda Mużikali Imperial ikompli jikber.

Fl-aħħar nett nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'imħabba u sagrifiċċju jagħtu l-impenn tagħhom biex l-Għaqda tagħna tkompli miexja 'l quddiem. Mingħajr l-għajnuna ta' ħafna volontiera dan ma jkunx possibbli. Għalhekk grazzi kbira lil dawn kollha li b'mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom b'risq l-Għaqda Mużikali Imperial.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina.